MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CAROL PERALTA

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2002

Numru 303/2002

**Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**

**Vs**

**Frankie Pace**
**Noel Aquilina**

**Illum 30 ta' Ottubru 2002.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Frankie Pace ta’ 22 sena imwieled nhar l-4 ta’ Lulju 1979 gewwa Pieta’ iben Lawrence u Mary nee’ Psaila residenti 75, Triq Is-Sur L-Isla u detentur ta’ karta ta’ l-identita’ numru 319679 M;

U kontra Noel Aquilina ta’ 25 sena, imwieled Pieta’ nhar it-23 ta’ Dicembru 1975 bin il-mejjet Mario u Lina nee’ Bajjada u residenti

gewwa 62, Triq id-Dejqa Bormla jew 8 Triq Il-Kewkba Bormla u detentur ta’ karta tal-Identita’ numru 40976 M;

Talli f’San giljan minn gewwa Triq Santu Wistin San Giljan, nhar is-26 ta’ Jannar 2002 ghall-habta ta’ 11.42 am, minn gewwa kamra numru 203 ta’ Baystreet Hotel Complex ikkomettew serq ta’ Television tal-Marka Grundig ta’ daqs ‘21’ Pulzier, li l-valr tieghu jammonta ghal Lm132, u ‘Quilt’ li l-valur taghha tammonta ghal Lm50 a detriment ta’ Paul Camilleri minn tas-Sliema liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-mezz u dan ai termini tal-artikoli 261, 263, 267, 279 (a) u 281 (a) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli meta ghamlu hsara fuq l-istess bieb tal-Kamra 203 ghad-dannu ta’ l-istess Paul Camilleri minn Tas-Sliema liema hsara ma teccedix il-hamsin lira maltin, imma teccedi l-ghaxar liri maltin u dan ai terminu tal-artikolu 325© tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli f'dawn il-gzejjer fl-istess data, lok u cirkostanzi, f'diversi lokalitajiet, xjentement f'Malta laqghu ghandhom jew xtraw, hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahhlu sabiex ibieghu jew imexxu dawn l-oggetti.

Talli, lil Noel Aquilina, huwa recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta mill-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D., fejn kien instab hati ta' serq aggravat nhar id-19 ta' Ottubru 2000 liema sentenza saret definittiva u dan ai terminu tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Lil Frankie Pace wahdu, rrenda ruhu ukoll recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta mill-Magistrat Dr. Noel Cuschieri LL.D., liema sentenza saret definittiva nhar il-11 ta' Gunju 2002 u aktar talli kiser il-kundizzjonijiet imposta fuqu mill-Onorabbli Qorti nhar it18 ta' Lulju 2000 b'sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. J. Cassar LL.D.

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 279 (a), 281 (a), 325 (c), 334 (a), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata, ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssib liz-zewg imputati hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontrihom mill-Prosekuzzjoni.

Ghar-rigward tal-piena, din il-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll l-istadju bikri ta' l-ammissjoni taz-zewg imputati, qeghda. fil-konfront ta' l-imputat Noel Aquilina, tilliberah a tenur tal-

artikolu 9 tal-kapitolu 152, bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fiz-zmien tlett (3) snin mil-lum.

Ghar-rigward ta' l-imputat Frankie Pace, din il-Qorti, qeghda tikkundannah ghal mitejn lira maltin (Lm200) multa, bi zmien gimgha ghall-hlas.

Din il-Qorti, qeghda wkoll, ghar-rigward taz-zewg imputati, tapponta lill-Probation Officer Marietta Lanzon sabiex ghal zmien sentejn(2) mil-lum, hija ssegwi l-progress taz-zewg imputati u tara li jiehdu l-kura residenzjali addattata ghall-helsien minn dan il-vizzju a tenur ta l-artikolu 5, u dan fuq piena ta' nullita' ta' din is-sentenza. Il-Qorti tordna lill-Probation Officer, sabiex tirraporta il-Progress ta' dawn iz-zewg imputati lil din il-Qorti.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputati.

--------------------------------TMIEM--------------------------------